# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

**2008/2126**(INI)

23.9.2008

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-ġlieda kontra riklami qarrieqa minn kumpaniji ta' direttorji kummerċjali
(Petizzjonijiet 0045/2006, 1476/2006, 0079/2003, 0819/2003, 1010/2005, 0052/2007, 0306/2007, 0444/2007, 0562/2007 u oħrajn)
(2008/2126(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Simon Busuttil

PR_INI_art192

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................8

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-ġlieda kontra riklami qarrieqa minn kumpaniji ta' direttorji kummerċjali (Petizzjonijiet 0045/2006, 1476/2006, 0079/2003, 0819/2003, 1010/2005, 0052/2007, 0306/2007, 0444/2007, 0562/2007 u oħrajn)**
**(2008/2126(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Petizzjonijiet 0045/2006, 1476/2006, 0079/2003, 0819/2003, 1010/2005, 0052/2007, 0306/2007, 0444/2007, 0562/2007 u oħrajn,

– wara li kkunsidra d-dibattiti li saru fi ħdan il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet dwar petizzjoni 45/2006 u oħrajn,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċmebru 2006 dwar riklamar qarrieqi u riklamar komparattiv (verżjoni kodifikata)[1] li ħadet post id-Direttiva 84/450/KEE[2] kif emendata mid-Direttiva 97/55/KE,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali inġusti fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE dwar riklamar qarrieqi, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ('Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti fin-Negozju'),

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) 2006/2204 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur (ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur)[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-inġunzjonijiet għall-protezzjoni ta' l-interessi tal-konsumaturi[4],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 192(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A6-0000/2008),

A. billi l-Parlament irċieva aktar minn 400 petizzjoni, l-aktar minn intrapriżi kummerċjali żgħar, li jgħidu li kienu vittma ta' riklamar qarrieqi minn kumpaniji ta' direttorji kummerċjali u li b'konsegwenza sofrew telf finanzjarju,

---

[1] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21.
[2] Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE ta' l-10 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw ir-riklamar qarrieqi (ĠU L 250, tad-19.9.1984, p.17).
[3] ĠU L 364, 9.12.2004, p.1.
[4] ĠU L 166 tas-11.6.1998, p.51.

B. billi dawn l-ilmenti jirriflettu prattika wiesgħa ta' prattiki kummerċjali qarrieqa li jwettqu ċerti kumpaniji ta' direttorji kummerċjali u li jaffettaw eluf ta' intrapriżi fl-Unjoni Ewropea u lilhinn, b'impatt finanzjarju sinifikanti fuq il-kummerċ.

C. billi l-ilmenti dwar il-prattiki kummerċjali tipiċi imsemmija kienu jirrigwardaw stedina minn kumpanija ta' direttorju kummerjċali, l-aktar permezz tal-posta, li tistieden lill-intrapriżi sabiex jimlew, jew jaġġornaw l-isem kummerċjali tagħhom u d-dettalji ta' kuntatt, bl-impressjoni qarrieqa li dawn ser jiġu elenkati f'direttorju kummerċjali mingħajr ħlas, meta fil-fatt il-firmatarji aktar tard jiskopru li, mingħajr ma kienu jafu, jkunu ffirmaw kuntratt li normalment jorbothom għal minimu ta' tliet snin, sabiex jiġu elenkati fid-direttorju kummerjċal bi ħlas ta' madwar €1,000 fis-sena,

D. billi l-formoli użati fi prattiki simili huma ambigwi u diffiċli li wieħed jifimhom u jagħtu l-impressjoni żbaljata ta' elenkar mingħajr ħlas f'direttorju kummerċjali meta fil-fatt jonsbu lill-intrapriżi f'kuntratti għal riklamar f'direttorji kummerċjali li ma jkunux iridu,

E. billi d-Direttiva 2006/114[5] tapplika wkoll għat-tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra u tiddefinixxi "riklamar qarrieqi" bħala "kull riklamar li, bi kwalunkwe mod, inkluża l-preżentazzjoni tiegħu, iqarraq, jew probabbilment iqarraq, bil-persuni li lejhom dan ikun indirizzat jew li jirċevuh u li, minħabba n-natura qarrieqa tiegħu, probabbilment jaffettwa l-imġiba ekonomika tagħhom jew li, għal dawk ir-raġunijiet, jagħmel ħsara jew probabbilment jagħmel ħsara lil xi kompetitur";

F billi d-Direttiva 2005/29/KE[6] dwar prattiki kummerċjali inġusti bejn intrapriżi u konsumaturi ma tapplikax għal prattiki kummerċjali qarrieqa bejn intrapriża u oħra u għalhekk, fil-forma attwali tagħha, ma tistax tiġi applikata biex tgħin lill-petizzjonanti,

G billi r-Regolament (KE) 2006/2004[7] dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur jiddefinixxi "ksur intra-Komunitarju" bħala "kwalunkwe att jew omissjoni kuntrarji għal-liġijiet li jħarsu l-interessi tal-konsumatur... li jagħmlu ħsara, jew hemm ċans li jagħmlu ħsara, lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi li jgħixu fi Stat Membru jew Stati Membri differenti minn dak li fih ikun sar l-att jew l-omissjoni, jew fejn il-bejjiegħ jew il-fornitur responsabbli jkunu stabbiliti, jew fejn jinstabu l-evidenza jew l-assi li jappartjenu għall-att jew għall-omissjoni",

H billi ħafna mill-petizzjonanti jirreferu għad-direttorju kummerjċali magħruf bħala "European City Guide", ibbażat f'Valencia fi Spanja, iżda jissemmew ukoll kumpaniji ta' direttorju kummerċjali oħrajn bħal "Construct Data Verlag", "Deutscher Adressdienst GmbH" u "NovaChannel", billi, madanakolli, kumpaniji ta' direttorji kummerċjali oħrajn iwettqu prattiki kummerjċali leġittimi,

I billi l-miri ta' dawn il-prattiki kummerċjali qarrieqa huma, fil-parti l-kbira tagħhom, intrapriżi żgħar iżda jinkludu wkoll professjonisti u anke entitajiet li ma jaħdmux għall-profitt, bħal skejjel, libreriji u għaqdiet soċjali lokali, bħal baned,

[5] ĠU L 376 ta' 27.12.2006. p. 21–27.
[6] ĠU L 149 ta' 11.06.2005, p.22-39.
[7] ĠU L 364, 9.12.2004, p.1-11.

J billi ta’ spiss il-kumpaniji tad-direttorju kummerċjali jkunu stabbili fi Stat Membru li ma jkun dak fejn tinstab il-vittma, u għalehkk ikun diffiċli għall-vittma li tfittex il-ħarsien tal-awtoritajiet nazzjonali, billi l-vittmi spiss ukoll ma jsibu ebda soluzzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien tal-konsumatur għaliex jiġu infurmati li l-liġi hija intenzjonata biex tipproteġi lill-konsumaturi u mhux lill-intrapriżi, billi minħabba l-fatt li jkunu intrapriżi żgħar, ħafna mill-vittmi spiss ma jkollhomx ir-riżorsi meħtieġa biex ifittxu rimedju effettiv,

K billi l-vittmi ta’ dawn il-prattiki jisfaw imfittxija b’mod rigoruż mill-kumpaniji tad-direttorju kummerjċali nfushom jew anke minn aġenziji għall-ġbir tad-dejn imqabbda minnhom, billi l-vittmi jilmentaw li jħossuhom inkwetati u mhedda minn dawn l-attitudinijiet u li ħafna minnhom spiss jispiċċaw iħallsu kontra qalbhom biex jevitaw aktar fastidju,

L billi l-vittmi li rrifjutaw li jħallsu rarament ittieħdu l-qorti, b’xi ftit eċċezzjonijiet,

M billi numru ta’ Stati Membri adottaw inizjattivi, partikolarment dawk li joħolqu kuxjenza, sabiex jitrattaw il-problema,

N billi l-Awstrija ilha li bidlet il-liġi tagħha dwar il-Prattiċi Kummerċjali Inġusti mill-2000 u t-Taqsima 28a tagħha issa tgħid li “Mhux permess li wieħed jirreklama, fil-qasam tal-kummerċ u bil-għan ta’ kompetizzjoni, għal reġistrazzjoni f’direttorji, bħal paġni s-sofor, id-direttorju tat-telefon jew listi simili, permezz ta' formoli ta’ ħlas, formoli ta’ *money order*, fatturi, offerta ta’ korrezzjoni jew mod simili jew li wieħed joffri reġistrazzjonijiet simili mingħajr ma jiddikkjara b'mod ċar u anke b'mod grafiku li dan ir-riklamar huwa biss offerta ta’ kuntratt”,

O billi prattiki simili ilhom jiġu applikati għal numru ta’ snin, ħolqu numru kbir ta’ vittmi u kellhom impatt finanzjarju sinifikanti madwar is-suq intern,

1. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-problema li qajmu l-petizzjonanti li hija waħda li tidher mifruxa, ta’ natura transkonfinali u li għandha impatt finanzjarju sinifikanti, speċjalment fuq intrapriżi żgħar;

2. Iqis li n-natura transkonfinali ta’ din il-problema titfa' r-responsabilità fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji sabiex jipprovdu rimedju xieraq lill-vittmi, b’mod li l-validità tal-kuntratti ffirmati fuq il-bażi ta' riklamar qarrieqi tkun tista’ tiġi kkontestata b’mod validu u mħassra u li l-vittmi jkunu jistgħu jitolbu rimbors tal-flus imħallsa;

3. Iħeġġeġ lill-vittmi sabiex jirrapportaw każijiet ta’ ingann kummerċjali lill-awtoritajiet nazzjonali u sabiex ifittxu parir xieraq qabel ma jħallsu l-ammonti mitluba lilhom minn kumpaniji ta' direttorju kummerċjali qarrieqa;

4. Jesprimi dispjaċir li, minkejja n-natura mifruxa ta’ dawn il-prattiki, l-liġijiet nazzjonali u tal-UE ma jidhrux li joffru rimedju xierqa effettiv jew mhux qed jiġu infurzati kif suppost fil-livell nazzjonali; jesprimi dispjaċir li l-awtoritajiet nazzjonali jidhru li mhumiex kapaċi joffru rimedju;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li għamlu organizzazzjonijiet kummerċjali Ewropej u

nazzjonali sabiex joħolqu kuxjenza fost il-membri tagħhom u jistedinhom jintensifikaw l-iforzi tagħhom ħalli qabel xejn ikun hemm anqas vittmi ta' direttorji kummerċjali qarrieqa,

6. Jilqa' b'sodisfazzjon l-azzjoni li ħadu ċerti Stati Membri fosthom l-Italja, Spanja,l-Olanda, il-Belġju u r-Renju Unit, iżda l-aktar l-Awstrija, sabiex jippruvaw jevitaw li kumpaniji ta' direttorji kummerċjali qarrieqa jkomplu b'dawn il-prattiki qarrieqa; iqis, madanakollu, li dawn l-isforzi għadhom mhux biżżejjed;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-isforzi tagħhom, b'kooperazzjoni sħiħa mal-organizzazzjonijiet nazzjonali u Ewropej li jirrappreżentaw l-intrapriżi, sabiex iqajmu kuxjenza dwar din il-problema sabiex aktar persuni jiġu infurmati u tingħatalhom il-possibilità li jevitw riklamar qarrieqi li jista' jdaħħalhom f'kuntratti ta' riklamar li ma jridux;

8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tindirizza l-problema ta' ingann kummerċjali fil-kuntest tal-inizjattiva tagħha dwar l-"Att dwar il-Intrapriżi ż-Żgħar";

9. Jesprimi dispjaċir li d-Direttiva 2006/114/KE dwar ir-riklamar qarrieqi u komparattiv li japplika għal tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra bħal f'dan il-każ, tidher li jew mhix biżżejjed biex tipprovdi rimedju effettiv jew mhix qed tiġi infurzata kif jixraq mill-Istati Membri;

10. Ifakkar li, filwaqt li l-Kummissjoni m'għandha ebda saħħa li tinforza d-Direttiva kontra individwi jew kumpaniji, din għandha d-dmir, bħala dik l-istituzzjoni li tħares it-Trattat, li tiżgura li d-Direttiva tiġi implimentata b'mod xieraq mill-Istati Membri;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid il-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva l-aktar f'dawk l-Istati Membri fejn huwa magħruf li huma stabbiliti kumpaniji ta' direttorji kummerjċali qarrieqa, iżda b'mod partikolari fi Spanja, fejn il-kumpanija ta' direttorju kummerċjali li l-aktar tissemma mill-petizzjonanti hija stabbilita, u fir-Repubblika Ċeka fejn ingħatat sentenza kontra l-vittmi b'mod li tqajjem dubju dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva f'dak il-pajjiż; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinforma lill-Parlament dwar dak li ssib;

12. Jesprimi dispjaċir li d-Direttiva 2005/29/KE[8] dwar prattiki inġusti ma tkoprix it-tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra u li l-Istati Membri ma jidhrux li għandhom il-ħeġġa li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha; jinnota, madanakollu, li l-Istati Membri jistgħu unilateralment iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tagħhom dwar it-tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra u jħeġġiġhom b'mod attiv sabiex jagħmlu dan;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-eżempju li tat l-Awstrija li introduċiet projbizzjoni speċifika fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha dwar id-direttorji kummerċjali qarrieqa, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra, fid-dawl tan-natura transkonfinali ta' din il-problema, inizjattiva leġiżlattiva ġdida, ibbażata fuq il-mudell Awstrijak, li speċifikament tipprojbixxi r-riklamar ta' direttorji kummerjċali sakemm il-klijenti prospettivi ma jkunux infurmati b'mod ċar u permezz ta' mod grafiku li tali riklamar huwa maħsub biss bħala

[8] ĠU L 149 11.06.2005, p.22-39.

offerta ta' kuntratt bi ħlas;

14. Jinnota li l-liġi nazzjonali ta' spiss mhix adattata sabiex wieħed ifittex rimedji kontra kumpaniji ta' direttorji kummerċjali li huma bbażati fi Stati Membri oħrajn u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita aktar kooperazzjoni transkonfinali attiva fost l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tippermettilhom jipprovdu rimedju aktar effettiv lill-vittmi;

15. Jesprimi dispjaċir li r-Regolament (KE) 2006/2004 dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli milll-infuzar tal-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur ma ġiex użat biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex tilob lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħmlu użu aktar frekewenti minn dan l-istrument legali li jista' jipprovdi rimedju għal każi ta' ksur intrakomunitarju;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon l-eżempju tal-Belġju fejn dawk kollha affetwati minn prattiki qarrieqa jistgħu jieħdu azzjoni legali fil-pajjiż tar-residenza tagħhom;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-vittmi ta' riklamar qarrieqi ikollhom awtorità nazzjonali identifikabbli li jistgħu jippreżentawlha lment u permezz tagħha jistgħu jfittxu rimedju anke f'każi, bħal dawn, fejn il-vittmi ta' riklamar qarrieqi huma intrapriżi;

18. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa linjigwida dwar l-aħjar prattiki għall-aġenziji nazzjonali ta' infurzar biex dawn ikunu jistgħu jsegwuhom fil-każijiet ta' riklamar qarrieqi li jiġu ppreżentati bihom;

19. Jistieden lill-Kummissoni sabiex tfittex kooperazzjoni internazzjonali ma pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti sabiex direttorji kummerċjali qarrieqa bbażati f'pajjiżi terzi ma jagħmlux ħsara lil intrapriżi bbażati fl-Unjoni Ewropea;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

**Introduzzjoni**

Ħafna intrapriżi, spiss intrapriżi żgħar, isiru vittmi ta' ingann operat peremezz ta' riklamar qarrieqi. Ingann komuni huwa dak fejn il-vittma mingħajr ma trid tiffirma kuntratt ta' riklamar f'direttorju kummerċjali wara li tkun ingħatat x'tifhem li dan kien ser ikun bla ħlas.

Il-vittmi tipikament jirċievu formoli minn kumpaniji ta' direttorji kummerċjali li jistednuhom jimlew, jikkoreġu jew jaġġornaw id-dettalji kummerċjali tagħhom. Ta' spiss jingħadilhom li l-aġġornament tal-informazzjoni huwa bla ħlas. Dan iħajjarhom jaġġornaw l-informazzjoni u jibagħtu l-formola. Madanakollu ma jirrealizzawx li meta jiffirmaw il-formola jkunu wkoll qed jiffirmaw kuntratt li jorbothom li jagħmlu riklam fid-direttorju kummerċjali għal perjodu minimu ta' tliet snin u li jiswihom madwar €1,000 fis-sena. Il-vittmi jirrealizzaw bl-ingann meta jirċievu ittra mill-kumpanija tad-direttorju kummerċjali li tinfurmahom li dawn attwalment għamlu riklam fid-direttorju, flimkien ma' talba għall-ħlas permezz ta' fattura. Dawk li ma jħallsux ta' spiss jisfaw iffastidjati u anke mhedda b'azzjoni legali minn kumpaniji tad-direttorju jew il-kumpaniji ta' ġbir ta' dejn tagħhom. Ħafna sempliċiment iċedu u jħallsu sabiex iħalluhom bi kwiethom.

Eluf ta' intrapriżi madwar l-Unjoni Ewropea ġew affetwati. Meta wieħed iqis li kull kuntratt jiswa madwar €1,000 fis-sena u jdum għal minimu ta' tliet snin, l-impatt finanzjarju madwar l-UE huwa meqjus bħala sinifikanti.

Filwaqt li huwa ċar li hemm element ta' prattika kummerjċali qarrieqa, li normalment tkun illegali, mhux ċar għal kollox jekk il-liġi tal-UE tipprovdix rimedju u jekk tagħmel dan, jekk din il-liġi hux qed tiġi infurzata biżżejjed fil-livell nazzjonali fid-diversi Stati Membri. Għalhekk, kumpaniji tad-direttorji qarrieqa spiss jisfruttaw oqsma dubjużi (*grey zones*) fil-liġi jew infurzar dgħajjef fil-livell nazzjonali sabiex iwettqu l-ingann. Element komuni li jeżisti huwa li ta' spiss id-direttorji kummerċjali qarrieqa jkunu stabbiliti f'pajjiż differenti minn dak tal-vitma. Dan jagħmilha diffiċli għall vittmi sabiex jużaw il-liġi nazzjonali u lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jddefenduhom fi Stat Membru ieħor. Barra minn dan, l-intrapriżi spiss isibu li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-ħarsien tal-konsumatur għandhom it-tendenza jeħilsu mill-ilmenti fuq il-bażi tal-fatt li l-liġi tal-konsumatur tapplika biss għall-konsumatur u mhux għall-intrapriżi. Dan iħallihom mingħajr rimedju effettiv u jiftaħ il-bieb biex ingann kummerċjali ta' dan it-tip jikber.

Mhux l-intrapriżi kollha tad-direttorju joperaw b'riklamar qarrieqi u ħafna kumpaniji tad-direttorji kummerċjali huma perfettament leġittimi. Fil-fatt, dawn anke joperaw fuq bażi ta' Kodiċi ta' Kondotta li jagħmilha ċara li l-ordnijiet iridu jkunu identifikati b'mod ċar bħala ordnijiet u li r-riklamar bla ħlas ma jistax jitħallat ma' dak bi ħlas. Madanakollu, xi intrapriżi ta' direttorji kummerċjali jużaw prattiki qarrieqa. Il-biċċa l-kbira tal-ilmenti li rċieva l-Parlament Ewropew isemmu d-direttorju kummerċjali magħruf bħala "European City Guide" li huwa bbażat f'Valencia, fi Spanja iżda diversi oħrajn bħal "Construct Data Verlag", "Deutscher Adressdienst GmbH" u "NovaChannel" issemmew ukoll. Xi direttorji kummerċjali qarrieqa huma bbażati wkoll fl-internet. Skond rappreżentanti tal-European City Guide, din il-kumpanija tibgħat madwar 6.5 miljun formola kull sena waħedha.

*L-objettivi ta' dan ir-rapport*

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew irċieva aktar minn 400 petizzjoni minn intrapriżi żgħar minn madwar l-Ewropa u anke minn pajjiżi terzi, li jgħidu li saru vittma. Barra minn hekk diversi Membri tal-Parlament Ewropew kitbu lill-Kummissjoni Ewropea dwar dawn l-ilmenti u diversi MEPs ippreżentaw mistoqsijiet bil-miktub jew orali. Min-naħa tiegħu, il-Parlament Ewropew awtorizza dan ir-rapport sabiex jinvestiga din il-problema aktar fil-fond u sabiex jipproponi kif għandna nipproċedu. Għalhekk, permezz ta' dan ir-rapport ir-rapporteur irid:

- Iqajjem kuxjenza sabiex ikun hemm anqas intrepriżi li jsiru vittma ta' ingann kummerċjali;
- Iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-UE sabiex jissikkaw il-liġijiet nazzjonali dwar riklamar qarrieqi u sabiex jiżguraw li l-liġi tal-UE dwar ir-riklamar qarrieqi u prattiki kummerċjali inġusti tiġi infurzata b'mod xieraq;
- Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex iżżid il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE u sabiex ittejjeb il-liġi eżistenti fejn jiġi stabbilit li din mhix adegwata biex twaqqaf il-prattiki qarrieqa darba għal dejjem, u
- Jipprovdi appoġġ u gwida għal dak li diġà kienu vittma.

*Il-leġiżlazzjoni tal-EU*

Fil-livell Komunitarju hemm tliet liġijiet li huma l-aktar rilevanti. Dawn huma:

- Id-Direttiva 2006/114/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riklamar qarrieqi u komparattiv li ħadet post id-Direttiva 84/450/KEE[9] kif emendata mid-Direttiva 97/55/KE[10];
- Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prattiki kummerċjali inġusti fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern (id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti).
- Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur (Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumatur)

**Konsultazzjoni qabel it-tfassil tar-rapport**

Qabel ma' lesta dan ir-rapport, ir-rapporteur għamel diversi laqgħat ta' konsultazzjoni, inklużi mal-Kummissarju Ewropew għall-Konsumaturi Meglena Kuneva u ma' diversi MEPs li huma interessati fil-kwistjoni minħabba li rċevew diversi lmenti mill-kostitwenti tagħhom. Ir-rapporteur iltaqa' wkoll ma' organizzazzjonijiet kummerċjali li jirrappreżentaw lill-intrapriżi, speċjalment intrapriżi żgħar fl-Ewropa bħall-*Eurochambres* u l-UEAPME kif ukoll l-Għaqda Ewropea tad-Direttorji Kummerċjali u ovvjament il_vittmi nfushom.

Il-Kumitat għall-petizzjonijiet organizza workshop pubbliku nhar il-ħamis, 11 ta' Settembru 2008 fil-Parlament Earopew bl-isem "Inwaqqfu l-Ingann: Il-ġlieda Kontra Direttorji

[9] ĠU L 250, 19.9.1984, p. 17-20.
[10] ĠU C 290, 23.10.1997, p. 18-23.

Kummerċjali Qarrieqa". Din is-sessjoni kienet opportunità għall-MEPs biex jisimgħu lill-petizzjonanti kif ukoll lill-organizzazzjonijizt rappreżentattivi u lir-rappreżentanti tad-direttorju Kummerċjali *European City Guide* li hija l-kumpanija l-aktar identifikata mill-petizzjonanti.

**Il-konklużjonijiet tar-Rapport**

Ir-rapporteur iqis li l-petizzjoninanti fil-fatt qed iqajmu problema serja li tidher li hija mifruxa, ta' natura transkonfinali u li għandha impatt finanzjajru sinifikanti, speċjalment fuq l-intrapriżi ż-żgħar. Barra minn dan ir-rapporteur iħoss li n-natura transkonfinali ta' din il-problema tpoġġi r-responsabilità b'mod ċar fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji. Dan ir-rimedju għandu jippermetti lill-vittmi jikkontestaw il-validità ta' kuntratti konklużi fuq il-bażi ta' riklamar qarrieqi u għandu wkoll jippermetti lill-vittmi jiksbu rimbors tal-flus li ħallsu b'riżultat ta' prattiki qarrieqa.

Ir-rapport jesprimi dispjaċir li l-awtoritajiet nazzjonali eżistenti jidhru inkapaċi li jipprovdu rimedju xieraq lill-vittmi u jqis wkoll li minkejja n-natura mifruxa ta' dawn il-prattiki qarrieqa, il-leġiżlazzjoniji tal-UE u dik nazzjonali wkoll ma jidhrux xierqa biżżejjed biex jipprovdu rimedju effettiv jew inkella mhux qed jiġu infurzati kif suppost.

*Gwida għall-vittmi*

Ir-rapport iħeġġeġ lill-vittmi sabiex jirrappurtaw il-każijiet ta' prattiki kummerċjali qarrieqa lill-awtoritajiet nazzjonali u sabiex ifittxu li jieħdu parir adegwat qabel ma jħallsu l-flus mitluba mill-kumpaniji ta' direttorji kummerċjali qarrieqa.Barra minn dan, il-vittmi għandhom jippreżentaw il-każ tagħhom lill-għaqdiet kummerċjali u dawk tal-konsumatur kif ukoll lir-rappreżentant tagħhom fil-Parlament Ewropew sabiex l-azzjoni kontra d-direttorji kummerċjali qarrieqa tissaħħaħ fil-livell Ewropew..

*Iż-żieda fil-kuxjenza*

Ir-rapport jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li għamlu l-għaqdiet kummerċjali Ewropej u nazzjonali sabiex iqajmu kuxjenza fost il-membri tagħhom u jistedinihom sabiex jintensifikaw l-isforzi tagħhom ħalli qabel xejn ikun hemm anqas vittmi ta' direttorji kummerċjali qarrieqa. Ir-rapport jilqa' wkoll b'sodisfazzjon l-azzjoni li ħadu ċerti Stati Membri fosthom l-Italja, Spanja,l-Olanda, il-Belġju u r-Renju Unit, iżda l-aktar l-Awstrija, sabiex jippruvaw jevitaw li kumpaniji ta' direttorji kummerċjali qarrieqa jkomplu b'dawn il-prattiki qarrieqa.Madanakollu jinnota li dawn l-isforzi għadhom mhux biżżejjed.

Dwar l-għarfien, ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-isforzi tagħhom, b'kooperazzjoni sħiħa mal-organizzazzjonijiet nazzjonali u Ewropej li jirrappreżentaw l-intrapriżi, sabiex iqajmu kuxjenza ta' din il-problema biex aktar persuni jiġu infurmati u tingħatalhom il-possibilità li jevitaw riklamar qarrieqi li jista' jdaħħalhom f'kuntratti ta' riklamar li ma jridux;

Ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni sabiex tindirizza dan l-ilment fil-kuntest tal-inizjattiva tagħha dwar l-"Att dwar il-Intrapriżi ż-Żgħar";

*Id-Direttiva 2006/114/EC[11] dwar riklamar qarrieqi u komparattiv*

Ir-rapport jinnota li d-Directive 2006/114/EC[12] dwar riklamar qarrieqi u komparattiv tapplika għal tranżazzjonijiet bejn intrapriża kummerċjali u oħra u għalhekk tapplika għall-problema li qed jaffaċċjaw il-vittmi ta' direttorji kummerċjali qarrieqa. Din id-Direttiva ġiet trasposta mill-Istati Membri kollha u tipprovdi għall-użu ta' ordnijiet ta' waqfien u proċeduri legali oħrajn li jipprojbixxu l-użu kontinwu ta' riklamar qarrieqi. Madanakollu din id-direttiva tidher li jew mhix biżżejjed biex tipprovdi rimedju jew inkella mhix qed tiġi adegwadament infurzata mill-Istati Membri.

Ir-rapport għalhekk jistdien lill-Kummissjoni Ewropea biex iżżid il-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/114/EC[13]. Dan għandu jsir l-aktar f'dawk l-Istati Membri fejn huwa magħruf li huma stabbiliti kumpaniji ta' direttorji kummerċjali qarrieqa, iżda b'mod partikolari fi Spanja, fejn il-kumpanija ta' direttorju kummerċjali li l-aktar tissemma mill-petizzjonanti hija stabbilita, u fir-Repubblika Ċeka fejn ingħatat sentenza kontra l-vittmi b'mod li tqajjem dubju dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva f'dak il-pajjiż.

Ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinforma lill-Parlament dwar dak li ssib;

*Id-Direttiva 2005/29/EC[14] dwar prattiki inġusti*

Ir-rapport jesprimi dispjaċir li d-Direttiva 2005/29/KE[15]dwar prattiki inġusti ma tkoprix it-tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra u li l-Istati Membri ma jidhrux li għandhom il-ħeġġa li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra jinnota li l-Istati Membri jistgħu unilateralment iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tagħhom dwar it-tranżazzjonijiet bejn intrapriża u oħra u għalhekk dawk li jixtiequ joffru ħarsien fil-liġi nazzjonali tagħhom jistgħu jagħmlu dan mingħajr xkiel u bla ma jistennew l-inizjattiva leġiżlattiva min-naħa tal-Kummissjoni sabiex tbiddel il-liġi tal-UE

L-aħjar mudell għall-ġlieda kontra direttorji qarrieqa tidher li hija l-Awstrija, li ilha li bidlet il-liġi nazzjonali dwar il-Prattiċi Kummerċjali Inġusti tagħha mill-2000. It-Taqsima 28a tagħha issa tgħid li "Mhux permess li wieħed jirreklama, fil-qasam tal-kummerċ u bil-għan ta' kompetizzjoni, għal reġistrazzjoni f'direttorji, bħal paġni s-sofor, id-direttorju tat-telefon jew listi simili, permezz ta' formoli ta' ħlas, formoli ta' *money order*, fatturi, offerta ta' korrezzjoni jew mod simili jew li wieħed joffri reġistrazzjonijiet simili mingħajr ma jiddikkjara b'mod ċar u anke b'mod grafiku li dan ir-riklamar huwa biss offerta ta' kuntratt."

Ir-rapporteur iħoss li l-Awstrija hija eżempju tajjeb u li għandu jiġi segwit. Għalhekk ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex, fid-dawl tan-natura transkonfinali ta' din il-problema, tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva ġdida, bbażata fuq il-mudell Awstrijak, li speċifikament tipprojbixxi r-riklamar ta' direttorji kummerjċali sakemm il-klijenti prospettivi ma jkunux infurmati b'mod ċar u permezz ta' mod grafiku li tali riklamar huwa maħsub biss bħala offerta ta' kuntratt bi ħlas;

[11] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21-27.
[12] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21-27.
[13] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21-27.
[14] ĠU L 149, 11.6.2005, p.22.
[15] ĠU L 149 11.06.2005, p.22-39.

*Ir-Regolament (KE) 2006/2004[16] dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal infuzar tal-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur*

Ir-rapport jinnota wkollli l-liġi nazzjonali ta' spiss mhix adattata sabiex wieħed ifittex rimedji kontra kumpaniji ta' direttorji kummerċjali li huma bbażati fi Stati Membri oħrajn u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita aktar kooperazzjoni transkonfinali attiva fost l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tippermettilhom jipprovdu rimedju aktar effettiv lill-vittmi.

Fil-Belġju pereżempju, dawk kollha affettwati minn prattiki qarrieqa jistgħu jieħdu azzjoni fil-pajjiż ta' residenza tagħhom u fil-fatt kien hemm każ kontra direttorju kummeċjali qarrieqi li intrebaħ mill-vittma (l-intrapriża ġiet immultata) għalkemm waqt li qed jinkiteb dan ir-rapport jidher li l-każ għadu *sub judice* fl-istadju tal-appell.

Fl-Awstrija hemm evidenza ta' kawżi l-qorti li kienu ta' suċċess għall-vittmi li fittxew kumpaniji ta' direttorji kummerċjali bil-qorti.

Mill-banda l-oħra fir-Repubblika Ċeka jidher li xi vittmi tilfu l-kawża mressqa kontrihom minn kumpaniji tad-direttorju u dan il-każ partikolari jqajjem dubju serju dwar kemm ir-Republika Ċeka qed timplimenta d-dispożizzjonijiet tad- Direttiva 2006/114/KE[17] kif suppost.

Fi-Spanja, waħda mill-intrapriżi l-aktar imsemmija, il-*European City Guide*, ġiet immultata tliet darbiet mill-*Generalitat de Cataluna* meta kienet ibbażata f'Barċellona u ġiet ordnata tagħlaq temporanjament għal sena. Eventwalment din imxiet għal Valencia fejn għadha qed topera taħt kundizzjonijiet xi ftit jew wisq aktar stretti. Pereżempju l-vittmi issa qed jiġu infurmati li għandhom id-dritt jikkanċellaw l-ordni fi żmien sebat ijiem. Madanakollu, normalment dawn jindunaw x'iffirmaw verament wara li dan il-perjodu jkun skada. Il-kumpanija ħolqot ukoll l-hekk imsejjaħ "Defensor del cliente" (ombudsman) sabiex jirċievi l-ilmenti tal-klijenti.. Madanakollu dan l-uffiċċju ma jidhirx li huwa indipendenti mill-kumpanija tad-direttorju kummerċjali nnifisha u għalhekk ftit jispira fiduċja. Ir-rapporteur għalhekk iħoss li din il-kumpanija ta' direttorju kummerċjali m'għamlitx biżżejjed sabiex tiżgura li l-klijenti prospettivi tagħha ma jitqarqux meta jiffirmaw kuntratt ta' riklamar li fil-verità qatt ma riedu.

Barra minn dan, m'hemm ebda evidenza ta' xi awtorità nazzjonali minn Stat Membru ieħor li qed tfittex rimedju direttament fil-qrati ta' Valenicia fuq il-bażi tar-Regulament (KE) 2006/2004[18] dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal infuzar tal-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur.

Fir-Renju Unit, l-*Office of Fair Trading* (OFT) jidher li uża d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 2006/2004[19] dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal infuzar tal-liġi dwar il-ħarsien tal-konsumatur. L-OFT, li huwa wkoll responsabbli mill-ħarsien tal-konsumatur jidher li uża dan ir-regolament b'suċċess biex ifittex inġunzjoni kontra kumpaniji fil-Belġju u fl-Olanda li nstabu li qed jibagħtu riklamar mhux mitlub u qarrieqi lil konsumaturi Brittaniċi. Għalkemm pass fid-direzzjoni t-tajba, dan il-każ ma jirrigwardax kumpaniji ta' direttorju kummerċjali.

Minbarra dan il-każ ftit hemm evidenza li r-Regolament 2006/2004[20] intuża biżżejjed minn

[16] ĠU L 364, 9.12.2004, p.1-11.
[17] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 21-27.
[18] ĠU L 364, 9.12.2004, p.1-11.
[19] ĠU L 364, 9.12.2004, p.1-11.
[20] ĠU L 364, 9.12.2004, p.1-11.

awtoritajiet nazzjonali sabiex ifittxu rimedju, bħal inġunzjoni, għal ilmenti li l-oriġini tagħhom tkun fi Stat Membru ieħor. Dan jidher li ġara minħabba l-ispejjeż meħtieġa biex tittieħed azzjoni, il-kumplessità u t-tul tal-proċedura u l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-inġunzjon.

*Il-ħtieġa li jissaħħu l-awtoritajiet nazzjonali*

Ir-rapport iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-intrapriżi li jkunu vittmi ta' riklamar qarrieqi jkollhom awtorità nazzjonali identifikabbli li tilqa' l-ilmenti tagħhom u li għandha jistgħu jfittxu rimedju. Attwalment dan mhux il-każ għaliex l-awtoritajiet nazzjonali spiss ma jitrattawx każijiet ta' lmenti minn intrapriżi, u jillimitaw rwieħhom għal ilmenti minn konsumaturi. Ir-rapport jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiżviluppa linjigwida dwar l-aħjar prattiki li l-aġenziji nazzjonali ta' infurzar jkollhom isegwu meta jiltaqgħu ma' każijiet ta' riklamar qarrieqi..

*Direttorji kummerċjali qarrieqa bbażati f' pajjiżi terzi*

Fl-aħħarentt, ir-rapport jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex li tibni kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti sabiex direttorji kummerċjali qarrieqa bbażati f'pajjiżi terzi ma' jippreġudikawx intrapriżi bbażati fl-Unjoni Ewropea.